**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 2 ta' Marzu, 2016**

**Talba Nru:** 369/15 DMA

**Carmel Cilia**
**(Id. 239663M)**

**Vs**

**Jason Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Mejju, 2015 fejn l-attur talab illi l-esponenti ghamel xoghol ta' tibjied, tqieghed ta' madum u xoghol iehor fil-forn, 9, St. Anthony Bakery, Sqaq San Gorg, Qormi;

Illi dan ix-xoghol kien ikkumissjonat mill-intimat biex isir mill-esperti f'dan il-forn;

Illi dan ix-xoghol sar mill-intimat liema prezz tieghu kien ta' somma hafna ikbar li l-intimat kien qieghed ihallas bil-mod izda li waqaf ihallas hesrem u jonqos il-bilanc ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700);

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi biex ihallas baqa' inadempjanti u ghalhekk qieghed jigi mitlub dan it-Tribunal biex jikkundanna lill-intimat jhallas lill-esponenti s-somma ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700) bl-imghax legali mid-data tal-5 ta' Dicembru, 2014 inkluz bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Dicembru, 2014 hawn annessa.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fil-21 ta' Dicembru, 2015 fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Bla pregudizzju u fil-mertu l-konvenut ma ghadu jaghti xejn lill-attur stante li x-xoghol tal-madum ma sarx skond is-sengha u l-arti u dank if ser jigi spjegat aktar il-quddiem.

Giet prezentata nota ta' riduzzjoni fejn l-ammont gie ridott ghal elf u hames mitt ewro (€1,500).

Giet ipprezentata ammisjoni da part ital-konvenut fejn talab ukoll illi l-ammont jithallas b'rati mensili ta' mitt ewro (€100).

It-Tribunal f'dan l-istadju jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) flimkien mal-ispejjez tal-ittra ufficjali datat 5 ta' Dicembru, 2014 bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv. It-Tribunal jghati l-fakulta li s-somma tithallas f'rati mensili ta' mitt ewro (€100). B'dan pero jekk il-konvenut ifalli milli jhallas zewg pagamenti konsekuttivi allura jitlef id-dritt li jhallas f'rati mensal u l-attur ikollu dritt li jitlob il-bilanc f'ammont shih.

Bl-ispejjez tal-kawza ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**